

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta’ qligħ bħala pilastru essenzjali ta’ Ewropa soċjali”

(opinjoni esploratorja)

(2020/C 429/18)

Relatur: **Krzysztof BALON**

Konsultazzjoni	Il-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill, 18.2.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.9.2020
Adottata fil-plenarja	18.9.2020
Sessjoni plenarja Nru	554
Riżultat tal-votazzjoni	211/3/5
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fid-dawl tar-rwol tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta’ qligħ fit-tweqqif tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea (UE) u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż u speċjalment f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappella għat-tisħiħ u l-appoġġ immirat, b’mod partikolari, ta’ daww l-intrapriżi soċjali u organizzazzjonijiet oħra tal-ekonomija soċjali, li jinvestu mill-għid bis-sħiħ fil-kompiti tal-għid komuni jew fi skopijiet kostituzzjonali mingħajr skop ta’ qligħ. Barra minn hekk, il-viżibbiltà tagħhom għandha tissaħħaħ fl-Ewropa kollha.

1.2. Bħalissa diġà jeżistu regolamenti fis-sistemi legali ta’ bosta Stati Membri, li jistabbilixxu status ta’ interess pubbliku, li jista’ jiġi applikat ukoll fir-rigward tal-intrapriżi soċjali. Il-KESE għalhekk jixtieq ihegġegħ lill-Istati Membri l-oħra kollha biex jistabbilixxu r-regolamenti korrispondenti fil-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

1.3. Barra minn hekk, it-TFUE għandu jkun akkumpanjat ukoll minn protokoll dwar id-diversità tal-forom tal-intrapriżi, li fih l-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta’ qligħ jiġu ddefiniti b’mod separat abbażi tal-protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta’ interess ġenerali. Il-KESE jhegġegħ ukoll lill-Istati Membri biex jinkludu din ir-reviżjoni fl-aġenda tar-riformi fil-futur.

1.4. L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta’ qligħ u organizzazzjonijiet simili mingħajr skop ta’ qligħ għandhom jissaħħu billi jitqiesu b’mod partikolari fil-liġi dwar l-akkwist pubbliku fir-rigward tal-fornituri tal-Istat jew daww kummerċjali fil-forniment ta’ servizzi soċjali ta’ interess ġenerali. L-offerti pubbliċi għandhom iqisu b’mod partikolari l-oqsma speċifiċi tal-attività tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta’ qligħ fil-forniment ta’ servizzi soċjali f’oqsma bħas-saħħa u l-kura.

1.5. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-possibbiltà ta’ finanzjament esklużiv għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ mingħajr ma jinkiser id-dritt tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.

1.6. Il-limitu attwali tar-regolament de minimis għas-servizz ta’ interess ekonomiku ġenerali ta’ EUR 500 000 fi tliet snin tat-taxxa, jehtiegħ li jidded b’mod sinifikanti għal madwar EUR 800 000 għal kull sena tat-taxxa.

1.7. Il-KESE jemmen li għandha tiġi introdotta eżenzjoni ġeneralizzata meta l-fondi Ewropej jintużaw b’kofinanzjament nazzjonali. Fil-każ ta’ kofinanzjament nazzjonali m’għandha tiġi preżunta l-ebda għajnuna mill-Istat, bħal pereżempju fir-rigward ta’ programmi ġestiti purament mill-UE.

1.8. L-appoġġ lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ tal-ekonomija soċjali għandu jsir ukoll parti mit-tabella ta’ valutazzjoni tal-politika soċjali b’rabta mas-Semestru Ewropew.

1.9. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ mhumiex biss mudell kummerċjali sostenibbli, dawn joħlqu u jżommu impjegji ta' kwalità, jippromovu opportunitajiet indaq, inkluż għal persuni b'diżabilità u gruppi oħrajn soċjalment żvantaġġjati, jiżguraw livell għoli ta' parteċipazzjoni soċjali u ekwità, u jippromovu t-trasformazzjoni diġitali u ambjentali. L-ekonomija soċjali hija għalhekk alleat strateġiku fit-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Ewropa. Għaldaqstant, l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi għandhom ikunu partikolarment promossi mill-fondi Ewropej u, b'mod partikolari, isiru mira speċifika u separata tal-finanzjament tal-FSE+.

1.10. Il-KESE jaqbel li jassumi rwol ta' faċilitatur u ta' koordinazzjoni fid-diskussjoni dwar ir-rwol tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Fond għall-Irkupru wara l-kriżi tal-coronavirus u fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali 2021 u li jwettaq it-tfassil mill-ġdid meħtieġ tal-qafas legali u politiku finanzjarju.

2. Introduzzjoni

2.1. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja talab lill-KESE jfassal Opinjoni bit-titolu "It-tisħiħ tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ bħala pilastru essenzjali ta' Ewropa soċjali" bħala parti mit-tħejjiet għall-Presidenza Ġermaniża tal-UE fit-tieni nofs tal-2020. Il-gvern Ġermaniż enfasizza l-importanza tal-ġid komuni bħala valur bażiku Ewropew li jorbot anke fil-qasam tal-attività ekonomika u l-kapaċità innovattiva sinifikanti tal-intrapriżi soċjoekonomiċi impenjati għall-ġid komuni b'enfasi fuq il-forniment ta' servizzi soċjali.

2.2. L-ekonomija soċjali tikkonsisti minn varjetà ta' intrapriżi u organizzazzjonijiet, inklużi koperattivi, soċjetajiet mutwi, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali, fost forom legali oħra speċifiċi għal kull Stat Membru, li huma marbuta b'valuri u prinċipji komuni⁽¹⁾. L-ekonomija soċjali fl-Ewropa wriet li hija importanti ħafna u sistemikament rilevanti anke fi żminijiet ta' kriżijiet ekonomiċi u soċjali. Din tgħin biex toħloq il-koeżjoni soċjali, filwaqt li ssahħaha u tiżgura fit-tul. B'mod partikolari, il-mudell tal-forniment mingħajr skop ta' qligħ ta' servizzi soċjali, bl-għanijiet soċjali bħala prijorità assoluta, wera li huwa estremament flessibbli, viċin iċ-ċittadini, innovattiv, sostenibbli, leġittimizzat demokratikament u effiċjenti. L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ jagħtu wkoll kontribut deċiżiv għall-ħolqien ta' opportunitajiet indaq għal kulħadd irrispettivament mill-età, is-sess u l-orijini. Dawn jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali tas-soċjetà, li mhumiex diġà koperti mis-servizzi soċjali pubbliċi. F'Opinjoni preċedenti, il-KESE diġà indika li x-xogħol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandu jservi l-ġid komuni u m'għandux l-għan li jimmassimizza l-profitti. B'dan il-mod, l-ekonomija soċjali toħloq impjegji ta' kwalità għolja fl-intrapriżi soċjalment responsabbli⁽²⁾, pereżempju fil-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal u forom oħrajn ta' kura.

2.3. Minħabba d-diversità tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, m'hemm l-ebda definizzjoni legalment vinkolanti fl-UE kollha ta' "intrapriża soċjali". Il-KESE jiddeskrivi l-intrapriżi soċjali bħala li għandhom karatteristiċi speċifiċi li:

- isegwu objettivi primarjament soċjali u mhux objettivi ta' qligħ u jiġġeneraw benefiċċji soċjali għall-pubbliku ġenerali jew il-membri tagħhom;
- huma primarjament mingħajr skop ta' qligħ li ż-żieda tagħhom prinċipalment tiġi investita mill-ġdid u mhux imqasma lill-azzjonisti privati jew lis-sidien;
- għandhom forom legali u mudelli ta' negozju differenti: pereżempju kooperattivi, soċjetajiet ta' għajnuna reċiproka, organizzazzjonijiet volontarji, fondazzjonijiet u negozji bi skop ta' qligħ jew mingħajru, ħafna drabi jikkombinaw forom legali differenti jew ibiddlu l-forma kif meħtieġ;
- huma operaturi ekonomiċi li jipproduċu prodotti u servizzi (sikwit ta' interess ġenerali), ta' spiss b'element qawwi ta' innovazzjoni soċjali;
- joperaw bħala entitajiet indipendenti, b'element qawwi ta' parteċipazzjoni u kodeċiżjoni (persunal, utenti, membri), governanza u demokrazija (rappreżentattiva jew miftuħa);
- sikwit ikunu ġejjin minn organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jew ikunu assoċjati magħhom⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 282, 20.8.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 240, 16.7.2019, p. 20.

⁽³⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 1.

2.4. M'hemmx definizzjoni legalment vinkolanti fl-UE kollha fir-rigward ta' attività mingħajr skop ta' qligħ. Aktar minn hekk, kif innota l-KESE f'Opinjoni preċedenti, id-dritt tal-Unjoni f'it li xejn iqis l-ispeċifitàjiet tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari l-approċċ differenti fir-rigward tal-qligħ tan-negozji. L-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) s'issa ġie interpretat li jopponi l-organizzazzjonijiet ekonomikament altruistiċi (mingħajr skop ta' qligħ) għal intrapriżi li jwettqu attivitajiet ekonomiċi għal remunerazzjoni. Għalhekk, din it-tieni kategorija tinkludi l-intrapriżi kollha li jagħmlu qligħ, kemm jekk iqassmuh kif ukoll jekk le, mingħajr ma tagħmel distinzjoni bejniethom u irrISPETTIVAMENT mill-forma legali tagħhom⁽⁴⁾. Madankollu, hemm regolamenti fis-sistemi legali ta' bosta Stati Membri li jstabbilixxu status mingħajr skop ta' qligħ, li huwa applikabbli wkoll għall-intrapriżi soċjali. Għalhekk għandha ssir distinzjoni bejn it-tliet tipi ta' operaturi ekonomikament attivi: intrapriżi purament orjentati lejn il-profit, intrapriżi tal-ekonomija soċjali bi qligħ limitat kif diġà ġie diskuss fl-Opinjoni tal-KESE INT/871⁽⁵⁾, u intrapriżi soċjali purament mingħajr skop ta' qligħ. Dawn tal-aħħar huma l-grupp fil-mira ta' din l-Opinjoni.

2.5. Fid-dawl ta' dawn ir-regolamenti nazzjonali, l-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ jistgħu jitqiesu li huma daww il-intrapriżi soċjali li għandhom il-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 2.4 u li huma meħtieġa wkoll mil-liġi nazzjonali biex jergħu jinvestu bis-sħiħ kwalunkwe qligħ fil-kompiti tal-ġid komuni jew skopijiet kostituzzjonali mingħajr skop ta' qligħ.

2.6. F'Opinjoni preċedenti, il-KESE kkritika l-fatt li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u l-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea indikaw interess insuffiċjenti f'intrapriżi li huma indikati bħala "mingħajr skop ta' qligħ" fil-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom li, irrISPETTIVAMENT minn tali deċiżjonijiet, jissodisfaw il-kriterji t'hawn fuq. Il-KESE huwa għalhekk tal-fehma li għandu jiżdied protokoll fit-TFUE dwar id-diversità ta' tipi ta' intrapriżi, abbażi tal-Protokoll Nru 26 dwar is-Servizzi ta' Interess Ġenerali, li fih l-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ u l-intrapriżi soċjali bi qligħ limitat, għandhom jiġu ddefiniti b'mod separat u jstieden lill-Istati Membri jqisu din il-bidla f'każ ta' reviżjonijiet futuri tat-Trattat⁽⁶⁾.

3. L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ bħala fornituri ta' servizzi soċjali u tas-saħħa ta' interess ġenerali fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

3.1. Il-KESE diġà enfasizza f'Opinjoni preċedenti li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jstax jiġi implimentat b'mod effettiv mingħajr il-kontribut tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u li dawn min-natura tagħhom stess huma mmirati lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-pilastru bħall-promozzjoni ta' impjegati aktar sikuri u adattabbli, djalogu soċjali u parteċipazzjoni tal-impjegati kif ukoll biex joħolqu ambjent tax-xogħol sikur, b'saħħtu u xieraq jew biex joffru soluzzjonijiet innovattivi għal ċerti ħtiġijiet soċjali bażiċi⁽⁷⁾. Il-viżibbiltà ta' dawn l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għandha tissaħħa fl-Ewropa kollha. L-innovazzjonijiet iridu jiġu promossi u jrid jiġi żgurat aċċess aktar faċli għall-finanzjament sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu jeżistu kemm fix-xogħol ta' kuljum tagħhom kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Għandu jkun hemm skambju ta' Prattika tajba bejn l-Istati Membri.

3.2. Skont id-disinn tal-mudell soċjali rispettiv fl-Istati Membri tal-UE, l-Istat nazzjon huwa responsabbli biex jiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw servizzi soċjali u tas-saħħa ta' interess ġenerali li jkunu komprensivi, effettivi kif ukoll aċċessibbli b'mod ġenerali, affordabbli u ta' kwalità għolja. Il-KESE diġà indika li s-servizzi ta' interess ġenerali huma parti integrali mis-sistema tal-ġustizzja soċjali u li jeżisti dritt ta' aċċess għal "servizzi essenzjali" ta' kwalità għolja, inklużi servizzi soċjali u tas-saħħa kif deskritt mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽⁸⁾.

3.3. F'xi pajjiżi, dawn is-servizzi huma primarjament ipprovduti minn inizjattivi, istituzzjonijiet u servizzi li jieħdu prijorità fuq servizzi tal-Istat b'tali mod li l-Istat jiżgura l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-forniment tas-servizzi, l-utenti jagħżlu l-fornituri tas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi soċjali jiffinanzjaw dawn is-servizzi. Il-forniment tas-servizzi għandu jkun ibbażat fuq l-interessi tal-benefiċjarji u għandu jinvolvihom b'mod parteċipattiv. Din il-forma ta' forniment ta' servizz minn intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ, li hija orjentata lejn l-utenti u kompetittiva fl-istess ħin, tista' sservi bħala bażi għal diskussjoni fir-rigward ta' mudell madwar l-Ewropa u, pereżempju, tkun imsaħħa meta mqabbla ma' proċeduri ta' għoti li fihom l-utenti jiġu mċaħħda mil-libertà tal-għażla tagħhom.

3.4. Il-KESE huwa favur il-possibbiltà ta' finanzjament immirat jew immirat esklużivament għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, mingħajr ir-riskju li jinkisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan huwa importanti aktar minn qatt qabel f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, peress li l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ m'għandhom l-ebda riżerva għad-dispożizzjoni tagħhom. Madankollu, is-servizzi soċjali u tas-saħħa huma essenzjali, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u għandu jiġi żgurat li dawn jibqgħu jkunu ta' kwalità għolja.

⁽⁴⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 1.

⁽⁵⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 1.

⁽⁶⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 1.

⁽⁷⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 1.

⁽⁸⁾ ĠU C 282, 20.8.2019, p. 7.

3.5. B'rabta ma' dan u b'mod ġenerali biex tissaħħa l-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali u tas-saħħa ta' interess ġenerali, huma meħtieġa bidliet essenzjali fil-qafas legali Ewropew, b'mod partikolari:

3.5.1. bl-introduzzjoni ta' preminenza għall-fornituri mingħajr skop ta' qligħ fuq il-fornituri tal-Istat jew kummerċjali fil-liġi tal-akkwist pubbliku;

3.5.2. b'żieda sinifikanti fil-limitu attwali ta' EUR 500 000 fi tliet snin tat-taxxa għal madwar EUR 800 000 għal kull sena tat-taxxa fir-regolament de minimis għas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali; tali żieda tikkontribwixxi biex tagħmel ir-regolament de minimis għas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali aktar applikabbli u aktar effettiv b'mod korrispondenti, filwaqt li fl-istess ħin ir-riskju ta' distorsjonijiet transkonfinali attwali tal-kompetizzjoni jibqa' limitat;

3.5.3. b'eżenzjonijiet ġeneralizzati għall-użu ta' fondi Ewropej b'kofinanzjament nazzjonali; fil-każ ta' kofinanzjament nazzjonali m'għandha tiġi preżunta l-ebda għajna mill-Istat, bħal pereżempju fir-rigward ta' programmi ġestiti purament mill-UE. F'ċerti każijiet, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu, b'mod legalment vinkolanti u bil-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għar-riċevitur tal-għajna mill-Istat, li fil-fatt ma tkun qed tingħata l-ebda għajna. Il-Kummissjoni jew l-QĠUE għandhom ikunu jistgħu jikkontrollaw l-abbuż.

4. Qafas ta' politika finanzjarja għall-attivitajiet tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ

4.1. Il-KESE stieden bosta drabi lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi ekosistema ta' appoġġ u sostenibbli għall-ekonomija soċjali f'kooperazzjoni mal-Istati Membri⁽⁹⁾. Biex jittejjeb il-qafas finanzjarju tal-attivitajiet tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ għandu jkun hemm, fost oħrajn, rati ta' kofinanzjament suffiċjenti, semplifikazzjonijiet amministrattivi bħal pereżempju indikatur ibbażat fuq il-ħtieġa kif ukoll l-applikazzjoni u r-rikonoxximent ta' rati fissi.

4.2. Il-finanzjament minn fondi Ewropej, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), huwa partikolarment importanti għall-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu servizzi soċjali u tas-saħħa:

4.2.1. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tar-Regolament dwar l-FSE+⁽¹⁰⁾, il-Kumitat talab biex l-appoġġ għall-attivitajiet ekonomiċi soċjali jsir objettiv separat u speċifiku tal-FSE+ fid-dawl tal-importanza dejjem tikber tal-ekonomija soċjali għad-dimensjoni soċjali tal-UE⁽¹¹⁾.

4.2.2. Il-KESE ġibed ukoll l-attenzjoni għar-riżorsi finanzjarji ta' spiss inadegwati tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ u appella diġà għal trattament indaqs fir-rigward ta' benefiċċji in natura u kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' fondi proprji għal attivitajiet iffinażjati mir-riżorsi tal-FSE+⁽¹²⁾.

4.2.3. L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ jinkludu wkoll organizzazzjonijiet iżgħar attivi lokalment li jkunu bdew bħala gruppi ta' għajna awtonoma. Il-KESE diġà wera l-appoġġ tiegħu għall-idea li dawn l-organizzazzjonijiet jingħataw sehem xieraq mir-riżorsi tal-FSE+⁽¹³⁾. Għandu jkun possibbli wkoll li jiġi promoss impenn volontarju fil-forniment tas-servizzi soċjali u tas-saħħa.

5. Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali: L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ bħala attur importanti fil-Fond għall-Irkupru wara l-kriżi tal-coronavirus

5.1. Il-kriżi tal-coronavirus turi li l-miżuri nazzjonali huma effettivi biss jekk ikunu kkoordinati. Kif diġà ġie nnotat fid-dokument ta' pożizzjoni ECO/515 tal-KESE dwar ir-Regolament dwar l-inizjattiva ta' investiment biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-coronavirus, flimkien mas-sistemi pubbliċi tal-kura tas-saħħa u l-SMEs, l-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili m'għandhomx jiġu injorati u għandhom jingħataw appoġġ akbar. L-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom riżervi limitati ħafna li jistgħu jużaw f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Madankollu, huwa preċiżament fiż-żmien ta' kriżi li dawn huma essenzjali biex is-sistemi (tas-saħħa) jkunu jistgħu jkomplu jiffunzjonaw. Il-KESE jitlob għalhekk li dawn il-linji ta' azzjoni u l-organizzazzjonijiet jirċievu aktar appoġġ mhux biss fid-dawl tal-immaniġġar tal-kriżi attwali, iżda wkoll fil-kuntest tal-implimentazzjoni regolari tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-politika soċjali u tas-saħħa komuni, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali b'rabta mas-Semestru Ewropew⁽¹⁴⁾.

5.2. Il-KESE jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea espressa mill-Kummissarju għax-Xogħol u d-Drittijiet Soċjali Nicolas Schmit fl-ittra tal-24 ta' April 2020⁽¹⁵⁾ indirizzata lill-gvernijiet tal-Istati Membri li l-ekonomija soċjali għandha tkun appoġġjata speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' kriżi. Skont il-Kummissjoni, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali diġà qed jgħinu b'ħafna modi biex itaffu l-effetti ta' din il-kriżi: f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet

⁽⁹⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 152; ĠU C 62, 15.2.2019, p. 165.

⁽¹⁰⁾ COM(2018) 382 final.

⁽¹¹⁾ ĠU C 62, 15.02.2019, p. 165.

⁽¹²⁾ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11.

⁽¹³⁾ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11.

⁽¹⁴⁾ Id-dokument ta' pożizzjoni ECO/515 tal-KESE, punt 1.11.

⁽¹⁵⁾ <https://twitter.com/NicolasSchmitEU/status/1254685369070530560>.

tal-Istat u flimkien mal-miżuri meħuda minn dawn tal-aħħar, dawn jipprovdu varjetà wiesgħa ta' servizzi soċjali, speċjalment għal dawk l-aktar dgħajfa fis-soċjetà. Dawn huma wkoll impjegaturi importanti għal gruppi vulnerabbli u jaqdu rwol kruċjali fl-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fl-għoti tal-ħiliet.

5.3. L-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ u organizzazzjonijiet oħra "mingħajr skop ta' qligħ" għandhom jingħaqdu ma' xulxin b'mod aħjar mil-lat komunikattiv, politiku u operazzjonali. L-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw dan billi jippromovu b'mod permanenti kooperazzjoni transkonfinali regolari u jgħaqqu aħjar il-protezzjoni ċivili, is-servizzi ta' emerġenza u s-servizzi soċjali u tas-saħħa. Ir-rikors għall-għeluq tal-fruntieri u kunċetti purament nazzjonali matul il-kriżi tal-coronavirus huwa kontroproduktiv u ma jikkorrispondix mal-għanijiet u l-valuri tal-UE.

5.4. Permezz tan-natura inklużiva tagħhom u l-għan tagħhom li jappoġġjaw lil dawk l-aktar żvantaġġjati, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u partikolarment l-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ fl-Ewropa jagħtu kontribut partikolari biex jipprovdu għajjnuna lill-migranti. Kif diġà intalab fl-Opinjoni INT/785 tal-KESE, l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għandhom jingħataw ukoll għarfien akbar f'dan il-kuntest ⁽¹⁶⁾.

5.5. B'referenza għall-Opinjoni tiegħu dwar id-dimensjoni esterna tal-ekonomija soċjali ⁽¹⁷⁾, il-KESE jtenni li l-Kummissjoni ma qisix l-ekonomija soċjali fil-proposta tagħha għal kunsens ġdid dwar l-iżvilupp. L-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ għandha potenzjal partikolari li tiżviluppa l-effett minn isfel għal fuq abbażi tal-għajjnuna awtonoma u s-soċjetà ċivili organizzata sabiex issolvi problemi soċjali u ekoloġiċi. Ekonomija soċjali b'saħħitha mingħajr skop ta' qligħ fl-Ewropa hija disponibbli bl-esperjenza tagħha fis-sens tal-"aħjar prattika". L-approċċ stabbilit mingħajr skop ta' qligħ fil-forma ta' investiment mill-ġdid sħiħ tal-profitti fis-settur tal-intrapriżi soċjali, jista' jipprevjeni privatizzazzjoni tal-fondi pubbliċi u l-massimizzazzjoni tal-qligħ bla kontroll barra mill-Ewropa jekk jintużaw mekkaniżmi xierqa ta' kontroll statali u demokratiċi.

5.6. Jeħtieġ li jkun hemm kunsens soċjali wiesa' bejn l-impjegaturi, il-ħaddiema u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili dwar ir-rwol tal-intrapriżi soċjali mingħajr skop ta' qligħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jappoġġjawhom fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Ikrupru ta' wara l-kriżi tal-coronavirus u fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali 2021 kif ukoll tfassil mill-ġdid tal-qafas legali u finanzjarju meħtieġ b'rabta ma' dan. Il-KESE jaqbel li jassumi rwol ta' faċilitatur u ta' koordinazzjoni f'dan ir-rigward.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁶⁾ ĠU C 283, 10.8.2018, p. 1.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 58.